# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 35

Il-Hamis, 12 ta’ Awwissu, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 34 li saret nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2010 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Malta Week***
Il-Kunsillier Peter Buontempo qal li hu flimkien mas-Sindku kellhom laqgha mal-kumitat li qed imexxi din il-Malta Week. Qal ukoll li se jippartecipa wkoll il-Kunsill Lokali tal-Mellieha. Waqt din l-attivita` ser jigi mtella' wkoll il-'Valletta Living History' kif ukoll se jkun esebit il-mudell ta' Renzo Piano. L-istand tal-Kunsill ser jiswa €4,000. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lil min ser isir il-hlas. Is-Sindku wiegeb li l-hlas irid isir lill-MEP's maltin.

**DEVOLUZZJONI TA' GNIEN HASTINGS U PEACOCK GARDEN**

Il-Kunsill qabel li ssir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghad-devoluzzjoni ta' Gnien Hastings u Peacock Garden.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ha nota ta' ittra li s-Sur Michael Zarb, sid il-hanut Petrolea baghat lill-Kunsill b'oggezzjoni ghal proposti ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fi Triq Merkanti;

- Il-Kunsill qabel li jigi rakkomandat li jsiru parkeggi riservati ghal persuni b'dizabilita` quddiem 186, Triq ir-Repubblika u quddiem Blk B, Ex-Kullegg Flores, Triq l-Ifran;

- Il-Kunsill qabel li l-Public Health Laboratory ta' Triq Merkanti juzaw l-un/loading bay li hemm fil-vicin u ma ssirx ohra f'din l-area;

- Dwar talba mill-Enemalta sabiex tersaq l-iskip li hemm quddiem is-substation li hemm hdejn it-Teatru Manoel, il-Kunsill talab lil contract manager sabiex isib post alternattiv;

- Il-Kunsill qabel ukoll li ssir Keep Clear quddiem il-bieb tar-residenza 204, Triq San Pawl minhabba ragunijiet ta' sahha tar-resident;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament ghat-tindif li jsir wara l-festi u ghax-xoghol li jaghmel il-contract manager tal-Kunsill f'dawn l-okkazzjonijiet;

- Il-Kunsill ircieva proposta sabiex jigi introdott progett li jinvolvi hot air balloon fuq il-belt Valletta. Il-Kunsill qabel ma' dan fil-principju sakemm ikun konformi

mal-permessi l-ohra mehtiega. Il-Kunsill talab ukoll li jkollu ritratt ta' l-area proposta kif ukoll f'liema perjodu din hija proposta li topera;

- Is-Sindku nforma li l-Kunsill qieghed jahdem fuq zewg progetti ohra ta' l-EU, SMART CITIES u ACTIS. Inizjattiva li tkompli mal-linja ta' hsieb ta' dawn il-progetti giet sottomessa bhala applikazzjoni ohra ma' l-MCST taht l-isem DINOS.

  Tressqet ukoll proposta mis-Sur Dylan Seychell sabiex issir tourist card ghat-turisti li jzuru l-belt Valletta. Kumpanija li tipproduci dawn il-cards u li diga qed thaddem sistemi simili f'Eindhoven stiednet lis-Sindku u lis-Sur Seychell sabiex jaraw kif din tithaddem b'mod prattiku. Il-Kunsill qabel li dawn imorru Eindhoven ghal dan il-ghan u wara jitressaq rapport dwar dan.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ghad jonqos xi xoghol fi Triq ir-Repubblika u li l-kuntrattur kien ghadu ma lestiex. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien tkellem mal-kuntrattur u dan qallu li l-kont li rcieva l-Kunsill huwa ghal xoghol li diga sar u ma kienx gustifikat li jinzammlu aktar minn nofs il-pagament fuq ftit xoghol li talab wara l-Kunsill. Il-Vici Sindku qabel li l-Kunsill m'ghandux izomm aktar minn nofs il-kont ghal dan il-ftit xoghol li jonqos isir. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jgib stima minghand kuntrattur iehor ghal dan ix-xoghol li jonqos isir u jekk il-kuntrattur ma jirrispondix sa l-ahhar t'Awwissu, il-Kunsill iqabbad lil xi hadd iehor mill-istimi li jkun gab. Il-Kunsill qabel ma' dan.

Is-Sindku ssugerixxa wkoll li jsir registru u li jinzamm ghand il-Kunsill fejn jigu black listed il-kuntratturi li l-Kunsill ma jkunx kuntent bihom. Ghaldaqstant, ghandhom jitnizzlu il-kuntrattur prezenti kif ukoll dak ta' qabel. Kien hemm qbil dwar dan.

***Memo dwar l-attivitajiet***
Is-Sindku informa li s-sotto kumitat dwar il-kultura kien ser jiddiskuti din il-memo.

***Walled Towns Friendship Circle***
Is-Sindku nfroma lill-Kunsill li s-symposium u l-laqgha ta' l-ezekuttiv li jmiss tal-WTFC ser isiru bejn is-17 u d-19 ta' Settembru. Huwa qal li kien se jattendi flimkien mas-Sindki tal-Birgu u l-Imdina sabiex issir proposta biex is-symposium ta' l-2012 isir f'Malta. Ser jattendi wkoll il-Vici Sindku sabiex jattendi wkoll il-laqgha ta' l-ezekuttiv.

***Servizz ta' accountant***
Kien hemm qbil li tinhareg sejha ghas-servizz ta' accountant tal-Kunsill.

***Notte Bianca***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li n-Notte Bianca ser issir fil-25 ta' Settembru.

**MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Camenzuli staqsa lis-Sindku dawn il-mistoqsijiet:

Peress li fl-ufficcju tal-Kunsill qed ikun hemm numru ta' studenti, jista' s-Sindku jirrispondi dawn id-domandi:

1. Kemm huma l-istudenti li qed jaghmlu xoghol mal-Kunsill?
   Is-Sindku wiegeb li huma disgha l-istudenti li huma involuti, hafna minnhom qed jaghmlu xoghol ghal Kunsill taht is-supervizjoni tal-Perit Chris Briffa, ohrajn qeghdin jghinu fuq progetti ta' l-EU.

2. Xi kwalita` ta' xoghol qed jaghmlu?
   Is-Sindku wiegeb li l-istudenti ta' l-arkitettura qed jaghmlu xoghol differenti fuq progetti proposti mill-Kunsill fosthom il-Manoel Hotel u l-pitch, il-progett tar-rinovar ta' post fi Triq San Nikola ghal uzu socjali, is-Suq, bini mitluq u abbandunat u studenta ohra qieghdha tigbor data dwar it-tabelli nieqsa li hawn fit-toroq tal-Belt.

   L-istudenti l-ohra qeghdin jghinu fuq l-inizjattiva tat-Tourist Card u l-progett ta' l-iskambju ta' l-istudenti bejn il-Belt u l-Izlanda.

   Il-Kunsillier Farrugia staqsa fejn qed ikunu dawn l-istudenti?
   Is-Sindku wiegeb li minhabba problema ta' spazju dawn qed ikunu fil-bini ta' l-ACCESS fi Triq Melita.

   Il-Kunsillier Farrugia staqsa wkoll jekk il-Perit Chris Briffa jergax jithallas ghal dan ix-xoghol?
   Is-Sindku wiegeb li l-Perit ma jithallasx tax-xoghol li jkun qed jaghmel fuq dawn il-progetti.

   Il-Kunsillier Borg qalet li l-Kunsill ma jistghax jimpjega aktar nies mieghu.
   Is-Sindku wiegeb li dawn mhux impjegati tal-Kunsill izda qed jinghataw token ghas-servizz professjonali taghhom.

3. Min se jhallas lil dawn l-istudenti u kemm qed jithallsu kull siegha?
   Is-Sindku qal li ser ikun qed ihallas il-Kunsill u minn kalkolu li ghamel ser ikunu qed jithallsu bejn €1 u €2 kull siegha.

4. Kemm se tkun l-ispiza totali?
   Is-Sindku wiegeb li minn kalkolu li ghamel jirrizulta li ghall-perjodu minn Lulju sa Settembru ser jammonta ghal madwar €3,455, izda dan jista' jkun aktar u jista' jkun anqas.

5. Kif qed jintghazlu dawn l-istudenti u minn liema skejjel gejjin?
   Is-Sindku wiegeb li dawn huma studenti Universitarji u gejjin minn diversi skemi fosthom dawk tal-KSU, tal-MITC, ta' l-ETC u skemi ta' l-EU.

6. Il-Kunsill jaffordja li jidhol ghal hlasijiet u spejjez ohra li jista' jigu bzonn dawn l-istudenti?

Is-Sindku wiegeb li l-ispejjez huma minimi ghax huma qed juzaw affarijiet taghhom.

7. Il-Kunsill jista' jidhol ghal dawn l-iskemi?
   Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill jista' jgib dawn l-istudenti.

   Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk kienx hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali?
   Is-Sindku wiegeb li ma kienx hemm bzonn l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

Qabel tmiem is-Seduta il-Kunsillier Farrugia informa lill-Kunsill li dwar l-attivita` ta' La Valette, issa kien dahal iz-zmien u minhabba li l-attivita` kienet se tinvolvi hafna spejjez u ma kienx baqa' zmien biex isir xi tibdil, fuq suggeriment tas-Sindku din giet posposta.

**TMIEM**

Fis-6.30pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku